MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tat-23 ta' Mejju, 2008

Numru 87/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jesmond J Borg)**

**Versus**

**Noel Calleja**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Noel Calleja ta’ 28 sena bin Joseph u Lucia nee Salerno imwieled Pieta’ nhar id-29 ta’ Diċembru 1979 residenti Ent G Flat 8 Binja Santa Venera Triq Patri Ġustin Sant, Santa Venera u detentur tal-karta ta’ l-identita’ 44180(M)

Akkużat talli

Nhar is-6 ta’ Mejju 2008 għall-ħabta tal-11.00 am ġewwa Santa Venera, kif ukoll fil-ġranet ta’ qabel, f’ħinijiet differenti u f’diversi postijiet madwar Malta

1) forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokaina, speċifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kpa 101 tal-Liġijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew għall-użu ta' persuna/i mingħajr ma kellu liċenzja mill-President ta' Malta mingħajr ma kien awtorizzat bir-regoli ta' l-1939 għall-kontroll intern tad-drogi perikolużi (GN 292/1939) jew minn xi awtorita' mogħtija mill-President ta' Malta lijforni d-droga u mingħajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-diżpożizzjonijiet tas-Sitt Taqsima ta' l-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellu liċenzja jew kien xorta oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellu liċenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur ta-regolament 4 tar-regolamenti ta' l-1939 għall-kontroll intern tad-drogi perikolużi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

2) forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, speċifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kpa 101 tal-Liġijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew għall-użu ta' persuna/i mingħajr ma kellu liċenzja mill-President ta' Malta mingħajr ma kien awtorizzat bir-regoli ta' l-1939 għall-kontroll intern tad-drogi perikolużi (GN 292/1939) jew minn xi awtorita' mogħtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u mingħajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-diżpożizzjonijiet tas-Sitt Taqsima ta' l-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellu liċenzja jew kien xorta oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellu liċenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur ta-regolament 4 tar-regolamenti ta' l-1939 għall-kontroll intern tad-drogi perikolużi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

3) u aktar talli attakka, għamel reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb, ta xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuni inkarigati skond il-liġi minn servizz pubbliku filwaqt li kienu qed jaġixxu għall-esekuzzjoni tal-Liġi jew ta' ordni mogħtija skond il-Liġi mill-Awtorita' kompetenti;

4) U aktar talli hedded jew għamel offiża fuq il-persuna ta' PS 1086 Johan Micallef, PS 1355 Cleon Pursehouse, PC 777 Christopher Ebejer u PC 1372 Alan Cutajar bħala persuni nkarigati skond il-Liġi minn servizz pubbliku waqt li kienu qed jagħmlu jew minħabba li kienu qed jagħmlu dan is-servizz jew bil-ħsieb li jbeżżagħhom jew jinfluwixxi fuqhom kontra l-Liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

5) U aktar talli rrenda ruħu reċidiv b'diversi sentenzi tal-Qorti ta' Malta liema sentenzi huma definittivi u ma jistgħux jinbidlu;

6) U aktar talli għamel reat waqt perjodu ta' kundizzjoni maħruġa mill-Qorti b'sentenza li sarert definittiva nhar l-4 ta' Novembru 2005 fil-Qorti tal-Maġistrati Malta bħala Qorti ta' Ġurisdizzjoni Kriminali ppreseduta mill-Maġistrat Dr.Jacqueline Padovani Grima LL.D. fejn kien issentenzjat skond l-artikolu 22 tal-Kap 446 għal tliet snin.

Il-Qorti ntalbet ukoll li tissekwestra f'iden terzi persuni b'mod ġenerali l-flejjes u l-propjeta' mobbli jew immobbli kollha li jkunu dovuti lil jew ikunu jmissu lill-imputat jew li huma propjeta' tagħhom kif ukoll tipprojbixxi lill-akkużati milli jittasferixxxi jew jew xort'oħra jiddisponi minn xi propjeta' mobbli jew immobbli.

Il-Qorti ntalbet ukoll tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti skond l-artikolu 533(1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-proċess inklużi l-Ordni ta' l-Avukat Ġenerali tas-7 ta' Mejju 2008, iċ-ċertifikat tat-twelid ta' l-imputat li jġib in-numru 441 ta' l-1980, il-fedina penali ta' l-imputat, il-kunsens ta' l-Avukat Ġenerali sabiex dawn il-proċeduri jkunu sommarji, il-kunsens ta' l-istess imputat sabiex dawn il-proċeduri jkunu sommarji, l-istqarrijiet

ippreżentati mill-Prosekuzzjoni, l-ordni tal-Qorti magħmula fis-seduta tat-8 ta' Mejju 2008 sabiex isir sekwestru ta' l-assi ta' l-imputat u l-ordni tal-Qorti lir-reġistratur sabiex jippubblika din l-Ordni, u l-ammissjoni ta' ħtija li għamel l-imputat liema ammissjoni l-imputat ikkonferma wara li ngħata ħin xieraq biex jaħsibha.

Stante l-ammissjoni ta' l-imputat, dawn l-imputazzjonijiet huma kollha ppruvati skond il-Liġi.

Il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17(b), 17(h), 18, 49, 50, 95(1)(2), u 96(a) tal-Kap 9, l-artikolu 23(1)(a) tal-Kap 446 kif ukoll ir-regolamenti 4 u 9 tal-GN 292/1939, it-Taqsimiet 4 u 6, l-artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i), 22(1B) u 29 tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta u, b'referenza għas-sitt imputazzjoni, l-artikoli 18, 261(b)(c)(g), 263,267,271(g),279(a) issib lill-imputat ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih b'dan pero' li r-raba' imputazzjoni hija assorbita fit-tielet imputazzjoni ai termini ta' l-artikolu 17(h).

Dwar il-piena, il-Qorti kkonsidrat li l-imputat

(a) ta għajnuna siewja lill-Pulizija u

(b) għandu jibbenefika mill-artikolu 29 tal-Kap 101 f'żewġ gradi u

(ċ) għamel ammissjoni bikrija

U għalhekk qed tikkundannah għall-piena ta' priġunerija ta' **erba'** snin li minnha għandu jitnaqqas kull żmien li l-imputat għadda taħt arrest preventiv kif ukoll għall-ħlas ta' multa ta' **€1800** liema multa tista' titħallas b'rati ta' €100 fix-xahar bl-ewwel pagament iseħħ fi żmien erba' ġimgħat mil-lum. Fin-nuqqas ta' ħlas ta' pagament, il-bilanċ għandu jitħallas kollu f'daqqa. Fin-nuqqas tal-ħlas ta' xi parti mill-multa jew tal-multa kollha din għandha tinbidel f'jum priġunerija għal kull €11.65 mhux imħallsin b'dan

pero’ li l-konverżjoni qatt ma taqbeż il-154 jum priġunerija. (Ara artikolu 11(3)(proviso tal-Kap 9).

Jekk saru xi spejjeż b’konnessjoni ma’ xi proċes- verbal, l-imputat ikun ikkundannat għal dawn l-ispejjeż b’dan pero’ li jekk l-ispejjeż ikunju saru għal aktar minn imputat wieħed l-imputat iħallas biss il-parti tiegħu wara li dawn l-ispejjeż jinqasmu bejn l-imputatikollha. (Artikolu 533 tal-Kap 9).

**MAĠISTRAT**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------